**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DEĊIŻJONI NUMRU 2979**

**Illum 14 ta' Marzu 2024**

**Chairman: Sur Joseph Delia**

**Każ Nru: 4078/JD**

**Fil-Kwistjoni tax-Xogħol**

**bejn**

**Warren Mallia**

**u**

**Malta Freeport Terminal Limited**

*dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

**Dikjarazzjoni tar-Rikorrent irreġistrata fil-Qorti Superjuri nhar it-30 ta' Ġunju, 2022, u Nota tar-Rikorrent irreġistrata fil-Qorti Superjuri fis-7 ta' Settembru, 2022.**

Ir-Rikorrent, is-Sur Warren Mallia, kien impjegat mas-Socjeta` Ntimata, *Malta Freeport Terminal Limited*, bħala *Crane Operator* u *Truck Driver* fi Grad F.

Il-Kwistjoni nqalgħet meta huwa kien fuq *sick leave* iżda kien irrakkomandat, mit-tabib tas-Socjeta` Ntimata, illi ma jibqax ġewwa iżda joħroġ mid-dar.

Mar jara xi qraba u hemmhekk kien hemm ħuh jagħmel xi xogħolijiet.

Kulma għamel ir-Rikorrent kien illi tela' fuq il-bejt tal-post biex jara x'kien qed jagħmel ħuh.

Aggacenti għad-dar tal-qarib kienet toqgħod persuna addetta mas-Socjeta`, senjatament ġewwa l-Uffiċċju tal-*HR*.

Dil-persuna rrapurtat illi r-Rikorrent kien qed jagħmel xogħol għal rasu u waqt illi kien bis-*sick leave*.

Mhux minnu li kien qed iwettaq xi xogħol ieħor.

Il-Każ ġie mistħarreġ mill-Bord tad-Dixxiplina u sussegwentement mill-Bord tal-Appell tas-Socjeta`, u ġie deċiż illi r-Rikorrent jitkeċċa mill-impjieg.

It-tkeċċija kienet inġusta u abbuziva u għalhekk ir-Rikorrent jitlob lit-Tribunal li jsib it-tkeċċija bħala waħda skorretta u kontra l-liġi u li r-Rikorrent jerġa' jiddahhal għax-xogħol u/jew jingħata kumpens xieraq.

**Dikjarazzjoni tal-Kaz tas-Socjeta`**

Ir-Rikorrenti beda jaħdem mas-Socjeta` fit-23 ta' Lulju 2012.

Fit-13 ta' Awwissu 2021 is-Socjeta` ħarġitlu rapport dixxiplinarju li jgħid illi fit-12 t'Awwissu 2021 uffiċċjal tal-Kumpanija ltaqgħet miegħu waqt illi kien qed jagħmel xogħol manwali f'dar illi ma kenitx ir-residenza tiegħu u għalhekk kien qed ikun akkużat b'abbuż serju mill-*leave* tal-mard, billi naqas milli jiddikjara xogħol manwali *part-time* bi ksur tal-Klawsola 2.3 tal-Ftehim Kollettiv, u b'attitudni skorretta w inaċċettabbli.

Il-Bord tad-Dixxiplina tas-Socjeta` sab lir-Rikorrent ħati tal-akkużi u s-Socjeta` nfurmatu bit-tkeċċija mill-impjieg.

Ir-Rikorrent appella d-deċiżjoni

Ir-Rikorrent sostna li peress illi c-ċertifikat mediku kellu, "*can go out*" ma kien qed jagħmel xejn ħażin meta rawh barra.

Meta l-Uffiċċjal tal-Kumpanija ratu barra kien qiegħed jaħdem ma' persuna oħra fuq xogħol ta' katusa.

Il-proċeduri tal-Kumpanija qeghdin hemm biex tinżamm l-ordni u tiggarantixxi stabbilta`. Għalhekk l-abbuż tal-*leave* tal-mard huwa wieħed serju u ma jistax jiġi ttollerat billi huwa vizzju li malajr jittieħed u jekk jiġri dan, il-konsegwenza tkun illi jispiċċaw jitilfu l-post tax-xogħol il-ħafna – forsi anki dawk illi jkunu ġew impjegati l-aħħar iżda qatt ma jkunu wettqu dan l-abbuż. Il-ħaddiema jafu li min jinqabad li ħa *sick leave* li ma kienx ġenwin jitkeċċa.

Għalhekk it-talbiet tar-Rikorrenti huma nfondati u għandhom jiġu miċħuda mit-Tribunal.

**Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

1. **It-testimonjanza tax-xhieda li tella' r-Rikorrent batew minn inkonsistenzi.**

1.1. It-tabib tas-Socjeta`.

Fix-xiehda tiegħu quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tas-Socjeta` stqarr illi żar lir-Rikorrent darbtejn.

Fis-seduta tat-Tribunal tat-18 ta' Mejju 2023, għall-mistoqsija tal-Avukat illi assista lis-Socjeta` dwar x'mar jagħmel it-tieni darba jekk huwa (Dr Zarb) kien diġà` ċċertifika bil-miktub illi *he can go out* Dr Zarb wieġeb, "Ma mortx it-tieni darba jien."

Iżda minuta qabel, għall-mistoqsija tal-istess Avukat dwar jekk, "ftit ġranet qabel jew ftit ġranet wara dak iċ-ċertifikat" Dr Zarb kienx ra lir-Rikorrent '*on a second occasion'* Dr Zarb wieġeb, "Iva, jidhirli kien hemm *call* oħra biex nerġa' mmur niċċekkjah biex jaraw jekk hux qiegħed id-dar jew le. Jidhirli. Ma nafx. M'inix ċert."

Jekk mar biex jara hux qiegħed id-dar sinjal illi meta raħ l-ewwel darba ma ċċertifikahx *can go out*! Inkella ma kienx ikun hemm ġustifikazzjoni għaliex imur jiċċekkja jekk ir-Rikorrent kienx qiegħed id-dar!

Għalkemm Dr Zarb ikkwalifika x-xiehda tiegħu billi qal illi ma kienx ċert, ix-xiehda tiegħu ttendi biex tikkonferma l-allegazzjoni tas-Soċjeta` li hija ma rċevietx informazzjoni mill-bidu li r-Rikorrent kien iċċertifikat illi seta' joħroġ mid-dar.[1]

1.2. Ir-Rikorrent xehed illi huwa ma laħaqx iqiegħed flimkien ma' ħuh il-*pipe* tad-*drain* għax kellu jitlaq minn fuq il-post minħabba li ried ikun lura d-dar biex jilqa' lit-tfal. Huh, is-Sur Ryan Mallia, li kien talab lir-Rikorrent biex dan igħinu jippożizzjona l-*pipe*, xehed illi r-Rikorrent kien laħaq għenu biżżejjed biex il-*pipe* kien tqiegħed qabel ir-Rikorrent telaq minn fuq il-post.[2]

1.3. Il-kuġin tar-Rikorrent, is-Sur Zammit, xehed illi r-Rikorrent kien ċempillu biex jikkonfida miegħu dwar is-sitwazzjoni domestika tar-Rikorrent u li kwindi l-kuġin ta lit-Tribunal x'jifhem illi kien għalhekk

[1] Il-procedura tar-rapurtar tas-sick leave mill-impjegati lis-Socjeta` kien spjegat fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2023
[2] Dok. B

illi r-Rikorrent żar il-fond tal-kuġin f'Ħaz-Żabbar.[3] Dil-allegata telefonata ma ssemmiet la mir-Rikorrent u lanqas minn ħuh li kien qiegħed jagħmel ix-xogħol fil-fond ta' Ħaż-Żabbar. Anzi hu r-Rikorrent xehed illi r-Rikorrent mar fuq il-post f'Ħaz-Żabbar għax kien hu li ċempel lir-Rikorrent biex imur Ħaż-Żabbar ħalli jgħidu kelma dwar is-sitwazzjoni domestika tar-Rikorrent.

1.4. L-istess kuġin tar-Rikorrent xehed illi r-Rikorrent ma għamilx xogħol, u li meta r-Rikorrenti mar id-dar tas-Sur Zammit hu (is-Sur Zammit) kien qed igħin lis-Sur Ryan Mallia biex isir ix-xogħol.[4]
Iżda r-Rikorrent xehed illi huwa stess żamm il-katusa (biex igħin lis-Sur Ryan Mallia)[5] u s-Sur Ryan Mallia xehed illi r-Rikorrent għenu jwaħħlu l-*pipe* u wara li r-Rikorrent telaq is-Sur Ryan Mallia għajjat lis-Sur Zammit biex iwaħħlu l-mejjilla.[6]

**2. Tali nkonsistenzi jdellu l-istampa ta' x'gara attwalment nhar it-12 t'Awwissu 2021 meta r-Rikorrent intlemah għand kuginuh.**

Għalhekk it-Tribunal ikollu joqgħod fuq il-fatti li jkollu quddiemu u li huma nkontrovertibbli.

U l-fatti huma li r-Rikorrent kellu ċertifikat mediku li r-Rikorrent seta' joħroġ barra.
Ir-Rikorrent għamel xogħol manwali għand ħaddieħor waqt illi kien fuq *sick leave*.
Għat-Tribunal, dan jikkostitwixxi abbuż tas-*sick leave*. It-Tribunal jifhem l-importanza li s-*sick leave* għandu jittieħed esklussivament għall-bżonn ta' saħħa. Tali *leave* huwa kostuz immens, anki għaliex is-Socjeta` ma tkunx taf meta tali *leave* ikun se jittieħed u allura tkun trid tagħmel tajjeb għan-nuqqas imprevist tal-produzzjoni/servizzi billi tgħajjat lil impjegati oħra biex jaħdmu bis-sahra, u sadattant jista' jinħoloq *time lag*, li jiswa' spejjez konsiderevoli, speċjalment f'intrapriza bħal dik tas-Socjeta` illi biex tvinċi fis-suq tagħha, li huwa suq ta' kompetitivita` nternazzjonali,

---

[3] Is-seduta tat-18 ta' Mejju 2023
[4] Ibid
[5] Is-seduta tat-13 t'April 2023
[6] Ibid

ikollha topera b'allokazzjoni mill-aktar effiċjenti tar-riżorsi kollha tagħha, inkluża r-riżorsa umana.

Għalhekk, il-kumpens illi jista' jasal għalih it-Tribunal għandu jkun attenwat minħabba l-abbuż mis-*sick leave*.

3. **L-akkuża tas-Socjeta` li r-Rikorrent kien qed jagħmel xogħol *part-time* mhix ippruvata. Ma nġiebet l-ebda prova li r-Rikorrent tħallas tax-xogħol manwali li għamel lil kuginuh.**

Għalhekk it-Tribunal ma jsibx ġustifikazzjoni għall-akkuża li s-Soċjetà` għamlet lir-Rikorrent illi huwa kiser il-Ftehim Kollettiv, ħlief għal dak illi huwa abbuż tas-*sick leave*.

4. **Mhux il-każ illi t-Tribunal, jekk jara li dil-Kwistjoni mhix każ ta' tkeċċija, jordna li r-Rikorrent jerga' jiddaħħal għax-xogħol.**

4.1. Għall-mistoqsija tal-Avukat illi assista lis-Socjeta` biex jagħti r-raġuni għaliex ma għarafx lill-Bord tad-Dixxiplina tas-Socjeta` li x-xogħol illi nqabad jagħmel kien għand il-kuġin tiegħu r-Rikorrent wieġeb, "Jiena ma għidtlux għax naf illi bejn il-kuġin tiegħi u Daniela[7] kien hemm disgwit u jien bżajt illi jekk jien ħa nibqa' naħdem il-*Freeport* bżajt illi tagħmilli ħajti nfern. Għalhekk jien fil-Bord tad-Dixxiplina ma wrejtx li dak jiġi l-kuġin tiegħi."[8]

Dan juri li ma jkunx għaqli li r-Rikorrent jaħdem taħt dak illi huwa jħoss bħala theddida li uffiċċjal tal-*HR* tagħmillu ħajtu nfern.
Għal raġunijiet ta' saħħa u sigurtà` kemm fiżika kif ukoll mentali fuq il-post tax-xogħol l-impjegat jenħtieglu jaħdem f'ambjent ta' armonija u serħan il-moħħ.

4.2. Ir-Rikorrent xehed illi f'Mejju 2022 huwa beda jaħdem *fulltime* bħala xufier tat-*taxi*.[9]

4.3. Ma saret l-ebda enfasi, matul is-smiegħ, għat-talba biex ir-Rikorrent jiddaħħal lura għax-xogħol.

---

[7] Is-Sinjura li rat lir-Rikorrent jagħmel xogħol manwali għand il-kuġin tar-Rikorrent, u rrapurtatu lis-Socjeta`
[8] Is-seduta tat-13 t'April 2023
[9] ibid

5. L-aħħar li r-Rikorrent ingħata *written warning* kien disa' snin qabel tkeċċa. Mill-2014 sal-2020 ingħata erba' *internal memos*. Għamel żewġ nuqqasijiet oħra sena qabel tkeċċa li pero` ma ngħata l-ebda tip ta' twissija u ngħata *verbal warning* xahrejn qabel inqala' l-incident ta' dil-Kwistjoni.[10]

   **Tali *record* dixxiplinarju jikkonvinċi lit-Tribunal illi t-tkeċċija tas-Sur Mallia hija miżura sproporzjonata, minkejja l-inċident tat-12 t'Awwissu, 2021.**

   Dal-ġudizzju huwa sostnut meta t-Tribunal iqis illi Klawsola 8.4 tal-Ftehim Kollettiv tipprovdi li t-tieni offiża tingħata twissija bil-miktub, it-tielet offiża tingħata sospensjoni ta' nofs ta' nhar bla paga u twissija bil-miktub, ir-raba' offiża tingħata sospensjoni ta' ġurnata bla paga u twissija bil-miktub, mill-ħames offiża 'l quddiem il-Kumpanija tista' tagħżel bejn eskalazzjoni tal-aħħar piena stabbilita maħruġa, li tkun tista' tinkludi twissija finali bil-miktub u/jew li ddaħħal fis-seħħ il-proċeduri marbutin mal-Bord tad-Dixxiplina.

6. **Rigward l-akkuża ta' attitudni skorretta w inaccettabbli** li s-Socjeta` għamlet biex issaħħah il-ġustifikazzjoni tat-tkeċċija t-Tribunal ma ngħata l-ebda ġustifikazzjoni għal tali akkuża ħlief dik rigward l-abbuż tas-*sick leave* min-naħa tar-Rikorrent u r-*record* dixxiplinarju tal-istess Rikorrent.

**Deċiżjoni**

Wara li ra r-rikors promotur, ir-risposta, fela t-testimonjanza, u d-dokumentazzjoni mressqa lilu, inkluża l-korrispondenza bejn it-Tribunal u s-Socjeta`, kif ukoll in-nota tar-Rikorrent tad-19 ta' Frar, 2024, għamel il-kunsiderazzjonijiet tiegħu u wiżen iċ-ċirkostanzi kollha tal-Kwistjoni fl-assjem tagħhom it-Tribunal isib illi s-Sur Warren Mallia abbuża mis-*sick leave* u għalhekk dan l-aġir tiegħu kkontribwixxa għat-tkeċċija.

Iżda t-tkeċċija tas-Sur Warren Mallia kienet inġusta minħabba li:

ma jirriżultax illi s-Sur Mallia kien jaħdem *part time* fuq xogħol manwali;

ma jirriżultax illi s-Sur Mallia kellu attitudni skorretta u inaċċettabbli ħlief għall-industrial *record tiegħu* qabel l-inċident tat-12 t'Awwissu 2021, u għall-abbuż

[10] Dok. MFT2 u x-xiehda ta' Ms Claudia Calleja tas-seduta tat-13 t'April 2023

tas-*sick leave*, liema abbuż qed jiġi rikonoxxut, li b'kollox ma jagħmlux każ ta' tkeċċija; u

għaldaqstant kienet miżura sproporzjonata.

It-Tribunal jiddeċiedi wkoll illi ma jkunx għaqli li s-Sur Mallia jerġa' jiddaħħal għax-xogħol u għaldaqstant jordna lil *Malta Freeport Terminal Limited* tħallas kumpens lis-Sur Mallia ta' għaxart elef Ewro (€10,000) mhux aktar tard mit-12 ta' April, 2024.

It-Tribunal ma wasalx għad-Deċiżjoni fi żmien iqsar minħabba differimenti.

Għall-iskop tal-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 Id-drittijiet dovuti lil min assista lill-Partijiet huma ta' €93 kull parti.

B'hekk tingħalaq dil-Kwistjoni tax-Xogħol.

**Joseph Delia**

**Chairman**

**Vera Kopja**

Graziella Borg

Għas-Segretarju